# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 30**

**Avviz numru 6/00/SM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Cortis abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Cortis.**

**vs**

**Pauline Victoria Cordina u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2001 kunjom il-konvenuta jaqra Galea Gingell.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex t ghid ghaliex:**

1. **Previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tmien mija u tlieta u sebghin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM873.28,0) in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM848.28,0), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agency Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-assigurat taghha Joseph Cortis, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0) lill-attur Joseph Cortis, ammont rapprezentanti excess payment minnu mhallas bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Lulju 1998 ghall-habta tat-8.30 a.m. gewwa Triq Sir Arthur Frreemantle, Mtarfa, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAD 538 proprjeta' ta' l-attur Joseph Cortis u l-vettura misjuqa minnha bin-numru ta' registrazzjoni LAB 734 , liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tat-30 t'Ottubru, 1998 u ta' l-ittra gudizzjarja li qed tintbaghat kontestwalment ma dan l-att lis-socjeta' Cordina Agency Limited bhala rapprezentant tas-socejta' assikuratrici estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited, u dan kif illum rapprezentata min Daniel Schwarzmann u Colin Bird, appuntati bhala Provisional Liquidators skond digriet tal-High Court of Justice Chancery Division Company Court ta' l-Ingilterra ta' l-24 t'Awissu, 1998, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra gudizzjarja tat-30 t'Ottubru 1998 sad-data**

**tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontrihom in kwantu li l-incident awtomobilistiku sehh unikament tord ta' Carmen Cortis li tigi l-mara ta' Joseph Cortis attur u assikurat ta' Fogg Insurance Agencies fil-kwalita ndikata;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi l-affidavitijiet prodotti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-procedura sehh fil-21 ta' Lulju ta' l-1998 ghall-habta tat-8.30 ta' filghodu fi Triq Sir Arthur Freemantle hdejn l-"ex-Married Quarters", l-Imtarfa;**

2. **Illi fih kienu involuti l-vettura bin-numru EAD-538 tal-marka Izuzu misjuqa minn Carmen Cortis u l-vettura tal-marka Peugeot bin-numru LAB-734 misjuqa mill-konvenuta;**

**3. Illi l-assikurata Cortis issostni li kienet qed issuq il-vann de quo b'velocita' normali u x'hin wasslet fil-vicinanzi tal-post fejn sehh l-incident odjern rat il-vettura tal-konvenuta "…hierga sparata berqa…"(ara fol 35) u b'hekk sehh l-incident;**

**4. Illi l-konvenuta, illum Galea Gingell, issostni li meta waslet f'salib it-toroq, waqfet qabel ma harget, harset il-fuq u l-isfel u l-fuq, u meta rat li ma kien gej hadd bdiet issuq bil-mod meta f'daqqa wahda giet il-vettura assikurata mis-socjeta' attrici u sehhet il-kollizjoni in dizamina;**

**5. Illi l-hsarat reklamati mill-atturi gew debitament ippruvati permezz ta' dokumentazzjoni appozita;**

**6. Illi stante li l-konvenuta jirrizulta li opponiet it-talba ta' l-atturi ghar-risarciment, ghalhekk kellha ssir il-procedura odjerna;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta abbundantement assodat li z-zewg konducenti tal-vetturi in dizamina kellhom vizwali ininterrota quddiemhom;**

**Illi ghaldaqstant hija l-fehema konsiderata ta' din il-qorti li z-zewg konducenti huma ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina u ghaldaqstant:**

**1. Tiddikjara lil Carmen Cortis u Pauline Galea Gingell ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont minnhom indikat fl-avviz odjern senjatament fl-ammont ta' tmin mija u tlieta u sebghin Lira**

**Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu, (LM873.20,0);**

**3. Illi in vista tas-suespost tikkundanna lill-konvenuta thallas biss nofs dan l-ammont cioe', erba' mija u sitta u tletin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM436.60,0), bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**